# RABAT *AGAPE* FESTIVAL 2026

L-erbatax-il Edizzjoni

Festival ta' arti Kristjana u l-kultura Maltija
b'enfasi fuq il-Kult Pawlin,
il-wirt artistiku u storiku fir-Rabat
u l-Bażilika Kolleġġjata Proto-Parroċċa ta' San Pawl,
li fiha tinkorpora
s-Santwarju-Grotta ta' San Pawl.



FONDAZZJONI
PAULUS
AD 2014

Festival annwali fl-okkażjoni
tal-festi liturġiċi
tal-**Konverżjoni**
u n-**Nawfraġju**
ta' **San Pawl**
f'**Malta**
bejn il-Ġimgħa 23 ta' Jannar
u s-Sibt 21 ta' Frar, 2026

**www.fondazzjonipaulus.org**

# Attivitajiet

## RABAT AGAPE FESTIVAL 2026

### Il-Ġimgħa, 16 ta' Jannar fl-4.00 pm

## Konferenza Stampa

Konferenza Stampa minn Dr Mark Fenech Vella, il-President tal-Fondazzjoni Paulus, flimkien mal-Ministru Julia Farrugia, Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, fil-preżenza tal-Arċipriet Kan. Joe Mizzi u s-Sur Sandro Craus, Sindku tar-Rabat.

Post u ħin: il-Mużew ta' Wignacourt, ir-Rabat, fl-4pm.

### Il-Ġimgħa, 23 ta' Jannar 2026 fis-6.30 pm

## It-Tfittxija għal Pawlu fil-pajsaġġ tal-kult u tal-arkeoloġija

It-tema tat-taħdita: it-tfittxija għal Pawlu fil-pajsaġġ tal-kult u tal-arkeoloġija

Post u ħin: fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl, il-Belt Valletta
Kelliem: Prof. Timmy Gambin
Tul ta' ħin: madwar siegħa

Taħdita minn Prof. Timmy Gambin fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl, il-Belt Valletta, dwar l-inħawi fejn x'aktarx seħħ in-nawfraġju ta' San Pawl. Din l-attività qed tiġi organizzata bil-permess ġentili tal-Arċipriet Kan. David Cilia u l-Kapitlu tal-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta flimkien mal-Akkademja Kulturali Pawlina fi ħdan l-Għaqda tal-Pawlini tal-Belt. L-attività hi wkoll parti mill-programm ta' attivitajiet li jikkommemoraw il-festa ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta



*Lecture mill-Prof. Timmy Gambin fuq sejbien arkeoloġici f'siti Pawlini*

FONDAZZJONI PAULUS AD 2014

AKKADEMJA KULTURALI PAWLINA

GĦAQDA TAL-PAWLINI A.D. 1970

### Il-Ħadd, 25 ta' Jannar 2026 fis-6.00 pm

## Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl

Quddiesa solenni tal-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl li għaliha jattendi l-Bord Amministrattiv tal-Fondazzjoni Paulus, flimkien mal-ħbieb u l-voluntiera.

## Is-Sibt, 31 ta' Jannar 2026 fis-7.00 pm

# Preżentazzjoni ta' Ktieb ta' Teoloġija Pawlina u Mużika bl-Orgni

Tnedija ta' ktieb dwar it-Teoloġija Pawlina li tieħu madwar nofsiegħa segwita minn nofsiegħa mużika bl-orgni tal-Bażilika.

Post u ħin: fil-Kolleġġjata Bażilika u Proto-Parroċċa ta' San Pawl, ir-Rabat, Malta, fis-7.00 pm.

Dħul bla ħlas.

Tnedija ta' ktieb mill-Fondazzjoni Paulus dwar it-Teoloġija ta' San Pawl bis-sehem tal-Prof. Rev. Paul Sciberras, Prof. Mons. Hector Scerri, Prof. Rev. Stefan Attard, Mons. Joseph Farrugia u l-Kan. Fr Karl Schembri, b'introduzzjoni mir-Rev. Prof. Mark Sultana, segwita b'nofsiegħa mużika bl-orgni tal-Bażilika ta' San Pawl, ir-Rabat. Dan se jkun l-ewwel kunċert tal-festival bl-orgni Mascioni restawrat.



*San Pawl jippriedka. L-Orgni Mascioni, Bażilika tar-Rabat*

Organisti: Dr Fiorella Fenech Vella, Dr Justine Pearson

Il-Kor tal-Bażilika ta' San Pawl jakkumpanja lis-Soprana Charlene Portelli fis-siltiet Anima Christi u Chi ci Separerà li t-tnejn huma kompożizzjoni ta' Monsinjur Marco Frisina. Il-kliem tal-innu Chi ci Separerà huwa meħud mill-Ittra ta' San Pawl lir-Rumani. Dawn iż-żewġ siltiet ser jiġu akkumpanjati fuq l-orgni mill-organista Dr Justine Pearson li hija l-organista tal-Kor tal-istess Bażilika.



*Dr M' Fiorella Fenech Vella fuq l-Orgni tal-Knisja Arċipretarli taż-Żurrieq*



*Dr Justine Pearson ddoqq fuq l-orgni tal-Bażilika tar-Rabat*

Ir-Repertorju fi ħsieb l-Organista Dr M'Fiorella Fenech Vella:

1. Cantabile – R. Schumann
2. Marche Religieuse – C. Gluck
3. Elevation – G. Katterfeld
4. Canzonetta – Ludvig Van Beethoven
5. Marche – Ch. M. Weber

Ir-Repertorju fi ħsieb l-Organista Dr Justin Pearson:

6. Trumpet Voluntary (Prince of Denmark's March) – Jeremiah Clarke
7. Gloria in Excelsis Deo – Antonio Vivaldi
8. Canon in D – Johann Pachelbel
9. Passacaglia minn Suite No. 7 f'G minor, HWV 432 – George Frideric Handel

Jippreżenta Peter Paul Ciantar

## Il-Ġimgħa, 6 ta' Frar 2026

# Il-Kunċert b'Ħames Xogħlijiet Ġodda

Il-Fondazzjoni Paulus tippreżenta l-kunċert annwali mill-Malta Philharmonic Orchestra b'ħames xogħlijiet mużikali ġodda ta' erba' kompożituri Maltin kummissjonati mill-Fondazzjoni Paulus b'rabta ma' motif Pawlin.

L-aħħar silta mużikali tkun l-*Innu l-Kbir lil San Pawl (li fih jgħix Kristu)* li se tinstema' għall-ewwel darba bil-parteċipazzjoni tal-Kor Jubilate Deo – il-Kor tal-Katidral Metropolitan.

Paul Portelli
*The Road of Saint Paul*
Orkestra u sopran

Kristian Schembri
*Tuba Evangeli*
Silta orkestrali

Josef Bugeja
*Euologetos*
Orkestra u sopran

Christopher Muscat
Suite mill-Oratorio *Hawn f'nofs l-għar musbieħ qed jixgħel*
Silta orkestrali

Christopher Muscat
Innu kbir: *Lil San Pawl (li fih jgħix Kristu)*
Orkestra, sopran u kor

**Charlene Portelli** *sopran*
**Il-Kor Jubilate Deo**
**Malta Philharmonic Orchestra**

Direttur tal-Orkestra
**Christopher Muscat**



*L-ewwel preżentazzjoni tal-Oratorju Pawlin 'Hawn f'nofs l-Għar Musbieħ qed Jixgħel' fit-2 ta' Frar 2024 fil-Bażilika tar-Rabat*

Dan il-kunċert ser jixxandar fil-jum tal-għaxra (10) ta' Frar fuq TVM+ f'12.10, u mtenni nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Frar 2026 fid-21.10 fuq TVM+. Jerġa' jkun ripetut fil-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa. Dettalji aġġornati jidhru mill-paġna tal-Fondazzjoni Paulus fuq facebook.

## Is-Sibt, 7 ta' Frar 2026

# In the Footsteps of St Paul – the Apostle of Nations (Fuq il-Passi ta' San Pawl – L-Appostlu tal-Ġnus)

Il-kelliema: Is-Sur Manos Vougioukas mill-Greċja (taħdita quddiem l-udjenza), Is-Sur Loucas Nikiforou mill-Bord Reġjonali ta' Paphos ta' Ċipru, u s-Sa Artemis Tsolaki mill-Macedonia, il-Greċja (preżentazzjoni qasira virtwali).

Post u ħin: il-Mużew ta' Wignacourt, Rabat, Malta, fis-6.45 pm.
Din it-taħdita ser tkun bil-lingwa Ingliża.
Dħul bla ħlas

Taħdita u film – *The Pauline Camino* minn Manos Vougioukas – Segretarju Ġenerali tan-Network Ewropew għat-Turiżmu Kulturali u koordinatur tal-Mixja Kulturali fil-Passi ta' San Pawl.



*It-Taħdita mir-riċerkatriċi Julia Zerafa fil-kjostru tal-Mużew Wignacourt bit-tema 'Expressing Maritime Devotion in Stone' waqt it-tnedija tal-ktieb 'It-tfittxija għal Pawlu'.*

Is-Sur Vougiuokas ġie mistieden biex jagħmel din it-taħdita mill-Fondazzjoni Paulus, li issa hija membru tal-Mixja Kulturali fil-Passi ta' San Pawl – network pan-Ewropew bil-ħsieb li jibda l-Camino Pawlin fl-Ewropa u biex jiġi ċċertifikat mill-Kunsill tal-Ewropa bħala *Fuq il-passi ta' San Pawl, l-Appostlu tal-Ġnus – il-Mixja Kulturali*.

Bis-saħħa tal-International Pauline Network, il-Fondazzjoni Paulus qed tibni l-kuntatti ma' Santwarji Pawlini, knejjes, parroċċi, entitajiet u persuni b'rabta mat-tradizzjoni Pawlina.

### Is-Sibt, 7 ta' Frar 2026 fit-8.00 pm

## Ftuħ ta' Wirja Annwali

Inawgurazzjoni ta' Wirja ta' Fotografija mir-riċerkatur Daniel Cilia, fil-Mużew ta' Wignacourt, fir-Rabat, Malta li ddum miftuħa sal-24 ta' Frar. Din il-wirja qed issir bil-kooperazzjoni tal-Kunsill Lokali ir-Rabat u bil-korteżija tal-Mużew Wignacourt.

### Il-Ħadd, 8 ta' Frar 2026, fid-9.30 am

## Il-Mixja Pawlina Maltija

Il-Mixja Pawlina Maltija tinkludi l-Knisja ta' San Pawl Nawfragu magħrufa aħjar bħala Tal-Ħġejjeġ f'San Pawl il-Baħar, il-Knisja ta' San Pawl Milqi f'Burmarrad, il-Kappella ta' San Pawl tat-Tarġa u l-Grotta ta' San Pawl fil-Bażilika tar-Rabat. Tluq minn quddiem id-Domus Rumana tar-Rabat fid-9.30am. Il-parteċipazzjoni hija b'xejn ħlief għal kontribuzzjoni żgħira għall-minibuses.

Tista' tirriserva post għal din id-dawra bil-mini buses sal-1 ta' Frar permezz ta' messaġġ privat fuq Facebook jew billi tibgħat email minn info@fondazzjonipaulus.org jew b'telefonata lis-**Sur Roger Mamo bin-numru 7909 2601**.

Fin-12.30 pm – Pranzu għall-mistednin distinti u sponsors fir-Restaurant tal-Mużew Wignacourt tar-Rabat

### It-Tlieta, 10 ta' Frar 2026

## Attivitajiet Interni u Esterni f'Jum l-10 ta' Frar

Fit-8.30 am – ftuħ ta' bottegini minn persuni b'diżabilità f'Misraħ il-Parroċċa, ir-Rabat. Il-bottegini jibqgħu miftuħin sas-1.00 pm. Nirringrazzjaw lill-Aġenzija Sapport għall-għajnuna tagħhom.

Fid-9.00 am - il-Katakombi ta' San Pawl immexxijja minn Heritage Malta ser ikunu miftuħin bil-prezz tas-soltu.

Fid-9.00 am – il-Bord Amministrattiv jattendi għall-Quddiesa Solenni fil-Bażilika ta' San Pawl, ir-Rabat. Wara l-quddiesa jsir talb fil-Grotta ta' San Pawl u l-preżentazzjoni ta' bukketti tal-fjuri.

Fl-9.45 am – f'Misraħ il-Bażilika u l-inħawi tagħha se jkun hemm numru ta' attivitajiet komunitarji għal persuni u tfal bi bżonnijiet diversi.

Fl-10.00 am – fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Pawl Nawfragu jkun hemm logħob pirotekniku mill-membri tal-Kamra tan-Nar ta' San Pawl. Il-Fondazzjoni Paulus tirringrazzja lill-Kumitat Festi Esterni Corpus Domini u San Pawl talli għoġobhom jilqgħu l-istedina tal-Fondazzjoni Paulus biex jorganizzaw ħruq tan-nar għal din l-okkażjoni u għall-armar bil-bnadar f'Misraħ il-Parroċċa.

Fl-10.00 am – il-Banda San Pietru fil-Ktajjen ta' Birżebbuġa ddoqq marċijiet f'Misraħ il-Parroċċa, bejn l-10.00 am u l-10.25 am u mbagħad tgħaddi minn Pjazzetta San Katald, Bir ir-Riebu, Emanuele Vitale, Santa Rita u tagħlaq il-marċ tal-festa f'Misraħ il-Parroċċa fil-11.30 am.

Fil-11.15 am – taħdita minn kritiċi tal-arti fil-Mużew ta' Wignacourt li matulha jsir apprezzament u tifsir dwar l-istil tematiku u l-motif personali tal-pitturi esebiti għall-Festival li jinsabu fis-sular t'isfel fil-Mużew ta' Wignacourt.

Fin-12.10 pm fuq TVM+ jixxandar il-kunċert annwali ta' Mużika Sagra mill-Malta Philharmonic Orchestra fil-Bażilika ta' San Pawl, ir-Rabat. Terġa' tixxandar nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Frar fid-9.10 pm fuq TVM+ u matul il-Ġimgħa l-Kbira. Nissuġġerixxu li tikkonfermaw dawn il-ħinijiet mill-paġna tal-Fondazzjoni Paulus fuq facebook u għal xi aġġornamenti li jista' jkun hemm ftit ġranet qabel jixxandru.

## Il-Ħadd, 15 ta' Frar 2026

# Niskopru l-Pajsaġġ Rabti

Mixja fil-pajsaġġ Rabti bil-kollaborazzjoni ta' Birdlife Malta biex niskopru aħjar l-inħawi rurali Rabtin u l-kappelli tal-madwar.

Post u ħin: niltaqgħu ħdejn il-Bażilika ta' San Pawl f'Misraħ il-Parroċċa fis-1.30 pm.

Din l-attività hija mingħajr ħlas

Din il-mixja teħodna sa Wied il-Qlejgħa (Chadwick Lakes) li jinsabu fil-qalba tal-pajsaġġ Rabti. Ninġabru mal-parteċipanti f'Misraħ il-Parroċċa quddiem il-Bażilika tal-Parroċċa ta' San Pawl fis-siegħa u nofs (1.30pm) u l-mixja tibda fis-sagħtejn (2.00 pm). Nimxu 'l isfel sal-Istazzjon restorant u naqbdu mogħdija fl-inħawi fit-truf tal-Imtarfa u nkomplu l-mixja tagħna matul Wied il-Qlejgħa. Fi triqitna lura se jkollna telgħa pjuttost qawwija li twassalna sal-Imtarfa u minn hemm nirriturnaw ir-Rabat. Il-mixja fiha madwar 6.4 km u meqjusa bħala moderata ħlief għat-telgħa, imma din nitilgħuha bil-mod.

## Il-Ħadd, 15 ta' Frar 2026

# l-Byron Consort Choir ikanta Mużika Sagra Pawlina

| | |
|---|---|
| Data: | Il-Ħadd, 15 ta' Frar 2026 |
| Il-ħin tal-quddiesa: | 6.00 pm |
| Il-ħin tal-Kunċert: | fis-6.45 pm |
| Post: | Il-Bażilika tal-Parroċċa tar-Rabat |

Il-Byron Consort Choir minn Horrow College fl-Ingilterra janimaw il-quddiesa tas-6.00 pm fil-Bażilika tal-Parroċċa ta' San Pawl, ir-Rabat u wara jsir kunċert ta' nofsiegħa ta' Mużika Pawlina li jibda fis-6.45 pm. Dan il-kor prestiġjuż se jkun taħt id-direzzjoni tas-Sur Philip Evans.



*The Harrow School Choir*

Dħul bla ħlas.

Fost ir-repertorju li ser jinterpreta l-kor, ser ikun hemm dawn is-siltiet:-

- Anton Bruckner (1824-1896) – *Christus factus est*

*Christ became obedient for us unto death, even to the death, death on the cross. Therefore God exalted Him and gave Him a name which is above all names.* (Mill-Ittra ta' San Pawl lill-Filippini)

- Giovanni Pierluigi da Palestrina (c.1525-1594) – *Magnus sanctus Paulus*

*The great St Paul, the vessel of election, is indeed worthy to be glorified, who also deserved to possess the twelfth throne.* (Dan huwa t-test tradizzjonali mill-Alleluia li titkanta fil-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl)

- Peter Philips (c.1560-1628) – *Tu es vas electionis*

*You, Paul the Apostle, are God's chosen instrument, a preacher of the truth throughout the world through whom all people came to know the grace of God. Pray for us to God, who chose you.* (Mit-test li jitkanta fil-Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl)

- Joseph Vella – *Jesu, dulcis memoria*

Din s-silta hija parti mill-innu ta' San Bernard ta' Clairvaux li l-mibki Professur Joseph Vella ta' lill-kor, li tgħallem fil-preżenza tiegħu waqt il-btala tiegħu f'Malta fis-sena 2003.

- Adrian Willaert (1490-1562) – *Sancte Paule Apostole*

*Holy apostle Paul, preacher of truth and teacher of the gentiles, intercede for us to the Lord who chose you, that we may be worthy of the grace of God.* (Mill-Antifona tal-Vespri li jitkanta fil-Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl)

Direttur tal-Kor: Mr Philip Evans

## Is-Sibt, 21 ta' Frar 2026

# *Il-Kantilena* ta' Pietru Caxaro

Post u ħin: il-Palazz ta' Sant'Anton, Ħ'Attard, fil-5.30 pm

*Il-Kantilena* – l-eqdem poeżija bil-Malti kantata mis-Soprana Claire Caruana akkumpanjata mill-Arpista Caroline Calleja taħt il-patroċinju distint tal-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta u tinkludi apprezzament minn Prof. Martin Zammit.

Is-soirée jissokta b'siltiet mużikali mis-Soprana Claire Caruana u l-Arpista Caroline Calleja.

Il-postijiet huma limitati u għal raġunijiet ta' sigurtà, din l-attività hi bl-inviti biss. Dawk il-persuni li jixtiequ jattendu għandhom jikkuntattjaw lill-Fondazzjoni Paulus mill-paġna tagħha fuq facebook u permezz tal-email: **info@fondazzjonipaulus.org** sal-5 ta' Frar 2026 billi jibagħtu n-numru tal-karta tal-identità, in-numru tal-mobile u l-indirizz postali.



*Reċital fil-Palazz ta' San Anton Ħat-Attard, minn Caroline Calleja fuq l-arpa u s-Sopran Charlene Portelli.*

NDSF
National Development and Social Fund

GVERN TA' MALTA
FOND GĦAL KAWŻI SOĊJALI

APS bank

Kunsill Lokali
Ir-Rabat

Mużew
Wignacourt

Bażilika ta' San Pawl
ir-Rabat

The Janatha Stubbs Foundation

VisitMalta

THE PLAZA

AĠENZIJA SAPPORT

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI
U L-VOLONTARJAT

TVM +

Best Print Co. Ltd, Qrendi • Tel: 21 680 789

# Messaġġ mill-President tal-Fondazzjoni Paulus

**Dr Mark Fenech Vella**

Erġajna wasalna għal appuntament annwali ieħor permezz tal-Agape Festival li huwa essenzjalment festival t'arti u kultura Maltija, speċjalment dik Kristjana, b'enfasi fuq il-kult Pawlin. Dan huwa festival li jiġi ppreżentat fil-festi Pawlini tax-xitwa fejn jesponi b'mod partikolari l-patrimonju tal-kumpless Pawlin tar-Rabat, li fih jinkludi l-Bażilika ta' San Pawl bis-Santwarju-Grotta ta' San Pawl, il-Mużew Wignacourt u l-ħafna mkejjen Pawlini li nsibu madwar il-kumpless.

Il-festival huwa opportunità li fiha wieħed igawdi l-arti u l-kultura mingħajr ħlas, jikber fl-għarfien tal-identità Kristjana Maltija u l-kult Pawlin, waqt li jiċċelebra dawn il-festi Pawlini madwar il-lok l-aktar sinonimu mal-magħmudija ta' Malta: is-Santwarju-Grotta ta' San Pawl. Dan kien l-iskop inizjali ta' dan il-kunċett bil-bidu tal-Kummissjoni Paulus fis-sena Internazzjonali Pawlina matul l-2008-2009, li kkristalizza ruħu formalment minni bl-Att tat-Twaqqif tal-Fondazzjoni Paulus permezz ta' Att Pubbliku ta' nhar id-9 ta' Frar tas-sena 2014 in atti tan-Nutar Sam Abela. B'dan il-mod inkunu qegħdin, b'mod partikolari, ngħollu l-profil tal-Bażilika, Kolleġġjata, Proto-Parroċċa ta' San Pawl tar-Rabat, is-Santwarju-Grotta ta' San Pawl u l-patrimonju artistiku li dawn għandhom.

Kif wieħed jista' jara mill-programm ippreparat, il-festival ta' din is-sena huwa mhux biss innovattiv da parti tat-talent lokali u temi, imma wkoll il-festival qiegħed jirfina u jinternalizzazzjona ruħu bis-sehem ta' kontributuri barranin:

- fuq inizjattiva u pubblikazzjoni tagħna l-Fondazzjoni Paulus, nhar is-Sibt 31 ta' Jannar fis-7.00 pm fil-Bażilika tagħna, ser inniedu l-pubblikazzjoni ta' ktieb ta' teoloġija Pawlina fil-kuntest Malti minn Professuri tal-Fakultà tat-Teoloġija tal-Università ta' Malta u studjużi tat-Teoloġija Pawlina;
- wara din il-preżentazzjoni tal-ktieb ta' teoloġija, għall-ewwel darba fil-festival tagħna ser ikollna kunċert fuq l-orgni tal-Bażilika tagħna minn żewġ organisti lokali, fejn għall-ewwel darba waqt dan il-festival, inkunu nistgħu napprezzaw l-orgni tal-Bażilika tad-ditta Mascioni li ġie restawrat xi xhur ilu;
- il-kunċert annwali li ser isir nhar il-Gimgħa 6 ta' Frar fis-7.45 pm fil-Bażilika ta' San Pawl, ir-Rabat, ser ikun jikkonsisti minn ħames kompożizzjonijiet li ser jiġu esegwiti għall-ewwel darba dakinhar, kollha fuq tema Pawlina, ta' erba' kompożituri Maltin li l-Fondazzjoni Paulus ikkummissjonatilhom madwar sena u nofs ilu. Waħda minn dawn il-kompożizzjonijiet ser tkun *L-Innu l-Kbir* (li fih jgħix Kristu) fuq versi ta' Monsinjur Michael Bugeja b'kompożizzjoni tad-Direttur Mużikali tagħna Christopher Muscat.
- Għall-ewwel darba fil-festival, preċiżament nhar is-Sibt 7 ta' Frar fis-7.00 pm fil-Mużew Wignacourt tar-Rabat, ser ikollna taħdita minn personalità barranija li huwa Manos Vougioukas, is-Segretarju tal-European Cultural Tourism Network u l-Kap tal-proġett tar-rotot kulturali tal-vjaġġi ta' San Pawl bl-aspetti kollha li jinkorpora fih u kif dawn ir-rotot jistgħu jsiru mit-turist jew pellegrin, taħdita li ser tixxandar b'mod dirett (streamed live) sabiex ikunu jistgħu isegwuha miċ-ċentri Pawlini, entitajiet u santwarji Pawlini barra minn Malta, li ssieħbu fl-International Pauline Network imniedi mill-istess Fondazzjoni Paulus matul is-sena li għaddiet sabiex ikun ċentru online ta' informazzjoni u kuntatt. Għal din it-taħdita qed nistiednu l-Għaqdiet Pawlini kollha ta' Malta u Għawdex sabiex ikunu preżenti;
- Għall-ewwel darba wkoll, fil-festival tagħna ser ikollna Kor Ingliż ferm magħruf, li ser jinterpreta kant fuq tema Pawlina ta' diversi stili u żminijiet. Dan il-kunċert ser isir fil-Bażilika tagħna tar-Rabat nhar il-Ħaddd 15 ta' Frar fis-6.45pm.
- Hemm bosta attivitajiet oħra li huma ferm interessanti: fost l-oħrajn is-serata mużiko-letterarja *Il-Kantilena ta' Pietru Caxaru* fil-Palazz ta' San Anton taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta, fejn minbarra qari ta' studju fuq din l-għanja, li hija l-eqdem xogħol letterarju Malti, l-istess Kantilena ser tindaqq u titkanta – kompożizzjoni kontemporanja tal-mibki Professur Joseph Vella. L-attivitajiet jissoktaw nhar l-10 ta' Frar filgħodu fil-Pjazza tal-Parroċċa tar-Rabat, b'attivitajiet oħra simili li jekk wieħed jifli l-programm tal-festival żgur li ser isib interessanti għalih.




*Il-President tal-Fondazzjoni Paulus Mark Fenech Vella (xellug) flimkien ma` Manos Vougiuokas waqt il-konferenza fuq it-turiżmu reliġjuż f'Settembru li għadda ġewwa Paphos, Ċipru*

Id-dħul għal dawn l-attivitajiet huwa bla ħlas u l-pubbliku huwa ġentilment mistieden jattendi.